MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1200/2011

**Phyllis Elmer**

**-vs-**

**Claire Miriam Elmer**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta’ Diċembru 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi din hija talba għall-iżgumbrament u qed issir *a tenur* tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u ċjoe’ “bil-giljottina”.

Illi r-rikorrenti hi l-inkwilina tal-fond Flat 4, Entrance H, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi.

Illi l-intimata qiegħda tgħix fil-fond tar-rikorrenti bil-mera tolleranza tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti talbet lill-intimata biex tiżgombra mill-fond pero' l-intimata baqgħet inadempjenti u dan anke wara interpellanza bonarja tas-16 ta' Novembru 2011.

Illi l-intimata m'għandhiex titolu validu skond il-liġi.

Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha fil-liġi ta' tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li l-intimata m'għandhiex titolu validu fuq il-fond preċitat u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimata m'għandha l-ebda difiża xi tressaq għat-talba tar-rikorrenti.

Tgħid l-intimata *in vista* tas-suespost 'il għaliex m'għandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smiegħ *a tenur* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi l-intimata m'għandhiex titolu validu fuq il-fond Flat 4, Entrance H, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi, u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimata m'għandhiex difiża xi tressaq għat-talba ta' żgumbrament tagħha mir-rikorrenti.

2. Tordna lill-intimata tiżgombra mill-fond Flat 4, Entrance H, binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi fi żmien qasir u parentorju kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet fuq esposti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata nkluż dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Novembru 2011.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2012 fejn i-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Avukat tal-konvenuta ammettiet it-talba iżda talbet biss li jkollha żmien adekwat biez tiżgombra mill-fond.

Ikkunsidrat,

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur l-attriċi qed titlob l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond imsemmi billi hija qed tokkupah mingħajr titolu. Il-konvenuta kif ingħad ammettiet it-talba.

**Għal dawn il-motivi, fl-ammissjoni tal-konvenuta, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tordna lill-konvenuta biex tiżgombra mill-fond imsemmi f'dan ir-rikors fi żmien tlett xhur.**

**Il-konvenuta għandha wkoll tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------